10 ta' Ġunju, 1964

**Imħallef:**

**Onor. M. Caruana Curran, B.A., LL.D.**

Yolanda Formosa

*versus*

Maġġur Frank Formosa

**Sentenza — Appell — Esekuzzjoni Provviżorja — Kustodja ta' l-ulied — Art. 242, 243 u 264, Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Meta ssir talba sabiex sentenza li tkun għadha ma saritx "res judicata" tiġi dikjarata provviżorjament esegwibbli, il-Qorti għandha tilqa' t-talba jekk tkun sodisfatta li d-dewmien fl-esekuzzjoni tas-sentenza jkun sejjer aktarx jikkaġuna preġudizzju akbar lill-parti li titlob dik l-esekuzzjoni milli dik l-esekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja.*

Il-Qorti, rat ir-rikors ta' Yolanda Formosa fejn esponiet illi b'sentenza tad-19 ta' Mejju, 1964, fl-ismijiet premessi din il-Qorti ordnat li binha minuri Alan George għandu jkun fil-kura tagħha u talbet li l-Qorti tordna l-esekuzzjoni provviżorja tal-imsemmija sentenza in kwantu għal kura ta' binha fuq imsemmi;

Omissis.

Ikkunsidrat:

Illi il-proċeduri għadhom fi stadju li din l-Qorti tista' tieħu konjizzjoni tar-rikors għaliex għadha ma saritx mir-Reġistru tal-introduzzjoni materjali tal-atti fl-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina;

Illi l-liġi tiddisponi li, barra minn xi każijiet li fihom il-leġislatur espressament akkorda l-forza esekutiva lis-sentenza tal-Qorti ta' l-ewwel istanza (art. 265) meta ssir talba biex sentenza li tkun għadha ma saritx "res judicata" tiġi dikjarata provviżorjament esegwibili, il-Qorti għandha tilqa' t-talba jekk tkun sodisfatta li d-dewmien fl-esekuzzjoni tas-sentenza jkun sejjer aktarx jikkaġuna preġudizzju akbar lill-parti li titlob dik l-esekuzzjoni milli dik l-esekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja (art. 264 (7)). Fit-tieni kategorija ta' każijiet, għalhekk, il-leġislatur ħalla kollox f'idejn il-kriterju prudenti tal-awtorità ġudikanti, taħt żewġ kondizzjonijiet biss, l-istanza tal-parti u l-preġudizzju akbar tagħha. L-ewwel kondizzjoni hija element konstatabili materjalment; it-tieni wieħed huwa diskrezzjonali għall-Imħallef li għandu però juża dik id-diskrezzjoni mhux sempliċement biex jara x'inhu aħjar li jsir imma biex jiżen il-preġudizzju;

Illi meta l-istanza tkun tirrigwarda l-kura tat-tfal in konsiderazzjoni tal-kwistjoni tal-preġudizzju ma tistax tipprexxindi mid-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili u l-prinċipji in materja li jirrendu suprem mhux l-interess tal-ġenituri imma l-ġid tat-tfal, (art. 68 u 69 Kod. Ċiv.) u b'ġid tat-tfal għandna nifhmu mhux tant il-profitt materjali kemm-il ben esseri morali tagħhom. It-tfal, f'każi bħal dawn, mhumiex oġġett in kontroversja u l-interess tal-ġenituri fil-kwistjoni dwar il-kustodja tagħhom huwa inservjenti għall-interess tat-tfal. Konsegwentement il-preġudizzju tal-partijiet imsemmi fl-art. 264 (7) irid jiġi misurat, f'dan il-każ, fuq il-preġudizzju ikbar jew inqas li jista' jsofri l-imsemmi tifel Alan George skond jekk tingħatax jew l-esegwibilità provvisorja fis-sentenza in kwantu tirrigwarda l-kura u kustodja tiegħu u l-aċċessibilità għalih;

Illi l-Qorti f'dan il-każ jidhrilha, skond il-kriterji fuq traċċati, li t-tifel isofri preġudizzju ikbar jekk jibqa' ma missieru fil-pendenza tal-Appell milli jekk is-sentenza tibqa' sospiża u

għalhekk l-ikbar preġudizzju jinsab fin-naħa tar-rikorrenti;

Illi l-Qorti hawnhekk ma għandha quddiemha ebda presunzjoni li s-sentenzi ma jistgħux bħala regola jiġu esegwiti jew xi "desideratum" f'dak is-sens, għaliex sentenza ta' Qorti ta' l-ewwel grad għalkemm mhix ġudikat hija dejjem il-konklużjoni tal-Qorti fuq il-każ u tiswa iżjed minn sempliċi argumenti. *Kieku ma kienx hekk ma kienitx tinkiteb id-disposizzjoni in kwistjoni.* Il-Liġi, fl-art. 264 (1), tgħid biss li s-sentenzi li ma għaddewx in ġudikat mhumiex esegwibili minnhom innifishom u jirrikjedu dikjarazzjoni speċjali biex isiru esegwibili imma fejn il-Qorti tkun sodisfatta li hemm ikbar preġudizzju jekk is-sentenza ma tiġiex esegwita allura sentenza ta'. l-ewwel grad issir ekwipollenti għal waħda finali salv li fl-ewwel każ l-esegwibilità tkun provviżorja mentri fittieni tkun definitiva;

Illi r-raġunijiet li għandha quddiem għajnejha l-Qorti f'din id-deċiżjoni huma intimament konnessi mal-protezzjoni tat-tifel Alan George kontra l-kontaminazzjoni morali latenti fis-sitwazzjoni domestika li sfortunatament jinsab fiha almenu skond il-fatti kif s'issa, ħażin jew tajjeb, ġew stabbiliti bis-sentenza. B'daqshekk il-Qorti mhix qegħda tirriferixxi għal xi possibilità ta' xi insidji diretti fuq il-persuna tiegħu, għax anzi ta' dan ma hemmx provi u lanqas suġġeriment fil-proċess. Imma l-Qorti qegħda ċertament tirriferixxi għar-relazzjoni amoruża eżistenti bejn l-intimat u bintu, oħt l-istess Alan George, li tammonta għal inġurja pubblika gravissima tar-*rikorrenti li ma tistax ma jkollhiex ir-riperkussjonijiet tagħha* fuq il-morali u l-mentalità tat-tifel fl-età kritika ta' ħmistax-il sena li jinsab fiha u fuq l-unur u r-reputazzjoni tiegħu fil-kommunità 'l quddiem;

Illi l-perikolu għat-tifel insitu f'din is-sitwazzjoni, almenu kif s'issa apprezzata mill-awtorità ġudizzjarja, huwa manifes-

tament tali li jirrikjedi l-misuri l-iżjed drastiċi, anki tas-segregazzjoni immedjata tiegħu mill-missier u tal-fakoltà tar-rikorrenti li tesegwixxi provviżorjament is-sentenza. Infatti t-tifel ikun sofra inqas preġudizzju fis-segregazzjoni temporanea mill-missier fil-każ li s-sentenza tiġi mħassra jew riformata, milli ikun sofra jekk jissokta fis-sitwazzjoni preżenti fil-każ li s-sentenza tiġi konfermata.

Illi r-raġunijiet sottomessi lill-Qorti mill-intimat in opposizzjoni għat-talba, ma jistgħux fil-fehma tal-Qorti, jegħlbu il-piż tar-riflessjonijiet fuq imsemmija. Dik tal-privazzjoni talintimat mill-aċċess ġià ġiet trattata hawn fuq. Il-fatt li fil-pendenza tal-kawża r-rikorrenti ma talbietx il-kura provviżorja tat-tifel ġie spjegat minnha fid-deposizzjoni tagħha u middifensur tagħha waqt il-kawża, u, fi kwalunkwe każ, anki jekk s'issa ittieħed xi żball ta' tattika legali fil-kors tal-kawża (dak li l-Qorti mihiex qegħda tissuġġerixxi) dan mhuwiex raġuni biex l-istess stat ta' affarijiet ikompli. Ir-raġuni miġjuba dwar il-volontà tat-tifel, anke jekk hija vera, hija irrilevanti għax hija l-Qorti li għandha issa, fl-età tiegħu, tagħżel x'inhu tajjeb għalih u tieħu d-deċiżjoni għalih b'id li ma teżitax. Il-konsiderazzjonijiet tal-lezzjonijiet privati u ta' l-eżamijiet huma tant sekondarji fejn l-interessi morali tiegħu li ma għandhomx bżonn konfutazzjoni u fi kwalunkwe każ jippreżentaw diffikultajiet materjali li r-rikorrenti issa tkun trid taħseb għalihom hi, kif il-Qorti hija persważa li hi kompetenti li tagħmel. Irrelazzjonijiet tal-intimat mal-Militar huma estranei tant għallkawża kemm għall-preżenti rikors. Il-preżenza tan-nannu patern tat-tifel fid-dar tal-intimat ma' tul l-aħħar ħames xhur, bir-rispett kollu lejh, ma tistax tħassar il-fatti li l-Qorti sabet pruvati, u li anki l-memorja biss tagħhom, apparti mill-possibilità tal-reiterazzjoni, tiġġustifika l-miżuri s'issa adottati mill-Qorti.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' it-talba kontenuta

fir-rikors. Kwantu għall-ispejjeż ta' dana l-inċident il-Qorti jidhrilha li min ikun beħsiebu — kif infatt ġa għamel — l-intimat, ma jistax ma jopponiex mingħajr ma jippreġudika ruħu fl-appell li jkun beħsiebu jagħmel, u din hija konsiderazzjoni ta' ekwità li, indipendentement mill-meritu tar-raġunijiet miġjuba 'l quddiem minnu fit-trattazzjoni ta' dan l-inċident, tiġġustifika temperament. Għalhekk il-Qorti tordna li l-ispejjeż relativi għal dan ir-rikors u d-digriet jibqgħu bla taxxa iżda bid-dritt tar-reġistru għall-konvenut.